

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 413/2012**tal-15 ta' Mejju 2012****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 496/2011 fir-rigward tal-kontenut minimu tal-benżoat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-użu tal-tal-benżoat tas-sodju, li jiffirma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi", kien awtorizzat għal għaxar snin bħala addittiv fl-għalf għall-użu fil-ħnienes miftuma permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 496/2011 ⁽²⁾.
- (2) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, id-detentur tal-awtorizzazzjoni ppropona tibdil fit-termini ta' awtorizzazzjoni tas-sustanza kkonċernata billi titnaqqsilha konċentrazzjoni minima minn 99,9 % għal 99,0 % fir-rigward tal-użu fuq ħnienes miftuma. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dejta ta' appoġġ rilevanti.
- (3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tal-15 ta' Novembru 2011 li s-sustanza kkonċernata hija sikura għall-bnedmin, l-ispeċi

fil-mira u l-ambjent, u taħt l-istess kundizzjonijiet ta' użu bħall-formulazzjoni attwali, l-użu tagħha huwa effikaċi fi ħnienes miftuma skont il-kontenut minimu mitlub ta' $\geq 99,0 \%$ ⁽³⁾.

- (4) Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 huma sodisfatti.
- (5) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 496/2011 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1Fil-kolonna 4 tal-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 496/2011 il-kliem "Benżoat tas-sodju: $\geq 99,9 \%$ " huwa sostitwit bi "Benżoat tas-sodju: $\geq 99,0 \%$ ".**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.⁽²⁾ ĠU L 134, 21.5.2011, p. 9.⁽³⁾ Il-Ġurnal tal-EFSA 2011; 9(12):2443.